Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Balzan

## Laqgħa Nru. 20

Data: 26 ta' Mejju 2016

Ħin: 4.30pm

Post: Fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | ***Dr. Ian Spiteri –*** | ***Sindku*** |
| | ***Andre Grech –*** | ***Viċi Sindku*** |
| | ***Desmond Zammit Marmara –*** | ***Kunsillier*** |
| | ***Daniel Muscat-*** | ***Kunsillier*** |
| | ***Joe Galea-*** | ***Kunsillier*** |
| | **Mark Mallia–** | **Agent *Segretarju Eżekuttiv*** |

Skużati:

Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajjma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Rapport Amministrattiv
6. Komunikazzjoni mill-Kunsilliera
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti
8. Aġġornament.

1. **Qari u Approvazzjoni tal- Minuti**

1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sittax-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

1.2 Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab korrezzjon fil-minuti fejn f'paragrafu 6.4 iridu jitnizzlu *"li kellu mas-Sur Albert Mc Carthy mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari, Dr. Justyne Caruana fuq l-iskema ' Ħu ħsiebek biex jieħdu ħsiebek' u s- Sur Zammit Marmara huwa ta' l-opinoni li l-proposta tas- Sur Mc Carthy mhux fattibbli.* Il- minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il- minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Punti Mqajma Mill-Minuti**

2.1 Il-Kunsillier Zammit Marmara staqsa x'*commitments* għadna bħala kunsilliera dak nhar f' Jum Ħal Balzan

2.1.1 Is- Sindku infurmah bid-dettalji.

2.2 Is- SE infurma lill-Kunsill li s-sleeping policeman ġew ordnati għal Triq it-Tabib J. Zammit u Triq It-Tlett Knejjes u ser jiġu installati.

3. **Komunikazzjoni mis- Sindku**

3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li rċieva korrispondenza mill- MEPA fejn dalwaqt ser jiġi approvat il-permess għall-uffiċċji l-ġdid tal-Kunsill.

3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li tqabbad il-perit tal-Kunsill biex jipprepara ix-xogħolijiet u stima ta' l-ispejjex biex tiġi rranġata il-bankina quddiem 83/84, Triq Il-Kbira

3.3 Is-Sindku ressaq korrispondenza mill- Scouts Stella Maris biex isir proġett ta' twaħħil ta' siġar f'ċertu zoni f' Ħal Balzan. Il-Kunsill qed jikkunsidra li jagħmel il-pjazza fi Triq Arcilla kantuniera ma' Triq San Frangisk.

3.4 Is- Sindku ressaq proposta li jitpoġġew pots tal-konkrit fi Pjazza Bertu Fenech u l-area fil-viċinanzi. Huwa ssottometta kwotazzjoni ta' € 150 il-waħda. Il-Kunsill approva u ser jordna ħamsa minn dawn il-pots.

3.5 Is- Sindku qal li fir-rigward ta' l-għalqa li tinsab f' Wesgħa Profs Aquilina bgħat xi reminders lis-Segretarju Parlamentari tal-Lands fir- rigward tal-proponiment li kien għamel bħala Sindku biex l-għalqa ssir parkeġġ.

3.6 Is- Sindku ġie avviċinat minn xi persuni li hemm żewġ parking bays f' Kardinal Cardijn mizbugħin sofor faċċata tal-garaxxijiet u jistgħu faċilment jintuzaw bħala parking bays. Is- SE ser jara x'permessi kienu ħarġu minn TM f'dan ir-rigward.

3.7 Is- Sindku tkellem fuq il-problema tal-ħamiem li qed tiggrava kuljum u qed ikollu ħafna ilmenti fosthom persuna li tfaċċatilha infection minħabba kawza tal-ħmieg tagħhom. Dan qed ikun ta' detriment għar-residenti u jrid isir xi ħaġa.

3.7.1 F'dan ir-rigward is- Sindku kien qed jipproponi li jsir *culling* tal-ħamiem biex inrazznu din il-problema.

3.7.1.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara xtaq jiddikjara pubblikament li huwa assulutament kontra il-qtil tal-ħamiem u għandhom jintuzaw mezzi oħra.

3.7.2 Il-kumplament tal-Kunsill qabel ma din il-proposta u ser jiġi nfurmat d- Dipartiment ta' L-Annimal Welfare biex jieħdu azzjoni.

4. **Korrispondenza**

4.1 Talba mingħand is- Sur La Ferla biex ipoggi żewġ pots tal-pjanti fuq kull naħa tad-dar tiegħu fi Triq Il-Providenza. Il-Kunsill approva.

4.2 P.A. 1763/16- Applikazzjoni għal bdil ta' uzu minn garaxx għal ħanut *fish shop* f' Wied Ħal Balzan kantuniera ma Triq Gulju Cauchi. Il-Kunsill approva.

4.3 Ittra mingħand mingħand is- Sur Grixti biex jittella hording quddiem 296, Triq Il-Ferrovija l-Qadima kantuniera ma' Mikelangelo Refalo, mat-tarf tal-bankina. Il-Kunsill ma approvax u talab lis- Sur Grixti biex dan jittella fil-perimetru tal-propjeta'.

4.4 Talba mingħand l-Għaqda Piroteknika 25 ta' Marzu Ħal Balzan biex b'kollaborazjoni mal-Kunsill jkopri l-ispejjez ta' fire engine waqt il-Festa ta' Ħal Balzan. Il-Kunsill approva.

4.5 Ilment mingħand is- Sur Micallef fuq l-Għalqa ta' wesgħa Profs Aquilina rigward il-karozzi mitluqa f'din l-għalqa mingħar liċenzja kif ukoll zibel li qed jinġemgħa madwar il-Bring In Sites biex jitnaddaf ta' spiss.

4.6 Ilment mingħand is- Sur Tabone li joqgħod fi Triq Antonio Bosio biex tinbidel l-istruttura tal-parkeġġ f'dik it-triq. Il-Kunsill talab lis- SE biex jinfurmah li dawk il-*parking bays* ġew approvati minn Transport Malta.

5. **Rapport Amministrattiv**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2015 (mehmuż).

5.2 Ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2015 kien propost għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea li kien issekondat mill- Viċi Sindku Andre' Grech. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

.

6. **Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

6.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara infurma lill-Kunsill li għada ser ikun mistieden fuq il-programm ta' Lilian Maistre fuq ir-radio. Il-Viċi Sindku ser ikun preżenti ukoll

6.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk irċevejnix xi risposta mingħand TM fuq it- talba tas-sur Gregory Fenech għal 1.5 m yellow line fuq naħa waħda tal-garaxx. Is- SE wieġeb li għad ma hemx risposta.

6.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa Gieħ Ħal Balzan fi xħin ser jingħata.

6.3.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li din ser tingħata għal ħabta tad-9.30pm.

6.4 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara iddikjara li minħabba min huma il-persuni li ser jingħataw Ġieħ Ħal Balzan huwa ser ikun preżenti għal- Ċerimonja.

6.5 Is- Sur Joe Galea ikkummenta li fuq dan il-premju ta' Ġieħ Ħal Balzan f'dawn l-aħħar ħmistax il-ġurnata saru ħafna kummiedji u battibekki fil-konfront tat- tifel tiegħu Garth Galea, wieħed mir-rebbieħa ta' dan il-premju minħabba li huwa supporter ta' B'Kara FC u kien hemm xi ndividwi li avviċinaw lis- Sindku għax għadda xi kummenti fuq facebook kontra ir-raħal ta'Ħal Balzan. Sadanittant huwa kompla qal li fuq din il-kwistjoni daħal fiha il-Kunsillier Daniel Muscat u kompla neffaħ din l-istorja.

6.5.1 Il- Viċi Sindku Andre Grech sostna li fuq dawn il-battibekki fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kulħadd kien innomina xi kandidat għal dan l-unur u fosthom ġie nnominat mis- Sur Desmond Zammit Marmara, is- Sur Pulis (ex President tal-kazin P.L) u li fejn bħala Kunsill ma qbilniex fuq il-fatt li ħadd ma għandu jiġi nnominat li jkun ġej minn xi partit politiku. Bħala nominazzjonijiet oħra kien hemm is- Sur John Cassar (ex Kunsillier ta' Ħal Balzan), Dun Kalcidon Vassallo( ex Kapplillan tal-Parroċċa), s- Sur Keith Camilleri ( Karozzi tat-tlielaq),s- Sur Garth Galea (Boxing) u s- Sur Keith Galea (dog breeding).

6.5.2 Il-Kunsillier Joe Galea kompla qal li l-Kunsillier Daniel Muscat ma seta' qatt jattakka fuq Facebook deċizjoni li ttieħdet mill-Kunsill u huwa seta faċilment bħala Kunsillier għamel mozzjoni li tkun ssekondata u tiġi diskussa waqt laqgħa urġenti tal-Kunsill.

6.5.3 Il-Kunsillier Daniel Muscat sostna li kull ma għamel fuq Facebook hu li wieġeb lil ċertu George Borg fejn is- Sur Borg iddikjara li ser jirritorna lura l-medalja ta' Ġieħ Ħal Balzan li ngħatatlu xi snin ilu minħabba l-kaz ta' Garth Galea għax kien hemm xi ndividwi li xtaqu li l-premju mgħoti lis- Sur Galea tiġi rtirata. Fit-tweġiba tiegħu lis- Sur Borg kull ma qallu kien biex jibgħat jinfurma lill-Kunsill b'email d-deċizjoni tiegħu.

6.5.4 Il-Vici Sindku Andre Grech talab li għandha tiġi mpoġġija għal votazzjoni, emenda għal mozzjoni fuq min ser jingħata Ġieħ Ħal Balzan fil-kamp internazzjonali li kien ħa l-Kunsill fil-laqgħa preċedenti wara dak li nkiteb fuq Facebook mis- Sur Garth Galea kontra ir-raħal ta' Ħal Balzan.

6.5.5 Il-Kunsillier Joe Galea infuma lill-Kunsill li ser jara' x'ser tkun d-deċizjoni tal-Kunsill u jieħu d-deċizjonijiet personali tiegħu. Huwa qed jinsisti li għandha ssir votazzjoni fuq din il-kwistjoni u ma jsib ebda oġġezzjoni.

6.5.6 Il-Viċi Sindku Andre Grech ssekondat mill- Kunsillier Daniel Muscat kien qed iressaq għal votazzjoni dan li ġej " *Jiena Andre Grech għalkemm ma għandi xejn personali kontra s- Sur Garth Galea, il-persuna li kienet approvata għal Ġieħ Ħal Balzan fil-laqgħa preċedenti, naħseb li l-kliem dispreġġattiv li ntuza kontra ir-raħal ta' Ħal Balzan fuq il- media soċjali ma jixraqx li din il- persuna għandu jkun ta' ambaxxiatur tar-raħal. Fl-istess ħin huwa jirrikonoxxi s-suċċessi tiegħu fil-kamp sportiv internazzjonali u jawguralu aktar suċċessi fil-futur. Fl-istess ħin naqbel ukoll man-nomina tas- Sindku li saret fil-laqgħa preċedenti li kien nnomina lis- Sur Keith Galea biex dan jingħata Ġieħ Ħal Balzan minflok fil-kategorija nazzjonali għas-suċċessi li kiseb fil-kamp ta' dog breeding u showing"*

6.5.7 Il-votazzjoni kienet bi tlett (3) voti favur li kienu Dr. Ian Spiteri, Andre Grech, Daniel Muscat u żewġ (2) astensjonijiet li kienu Desmond Zammit Marmara u Joe Galea. L-emenda għal mozzjoni ġiet approvata.

6.5.8 Il-Kunsillier Joe Galea talab li ssir immedjatament komunikazzjoni mas- Sur Keith Galea biex jiġi nfurmat bid-deċizjoni li ħa il-Kunsill.

6.5.9. Wara komunikazzjoni li saret mas- Sur Keith Galea li kien għadu kif ġie approvat li jingħata Ġieħ Ħal Balzan, is- Sur Galea kkonferma li filwaqt li jirringrazzja lill-Kunsill juwa kien qed jirrifjuta dan il-premju b'solidarjeta' ma ħuħ Garth Galea.

6.5.10 Il-Kunsillier Joe Galea xtaq jinfurma lill-Kunsill fejn kien qed jiddikjara li huwa mill-laqgħa li jmiss tal-Kunsill ser jibda jservi bħala Kunsillier Indipendenti u ma jridx jkollu x' jaqsam izjed mal-Partit Nazzjonalista. Huwa ser jinfurma b'din id-deċizjoni lid- Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll is-Segretarju Generali tal- Partit Nazzjonalista.

6.6 Il-Viċi Sindku Andre Grech staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi fuq il-kaz tas- Sur Sergeant. Is- SE wieġeb li ġew infurmati TM u qed jistenna risposta min għandhom.

6.7 Il-Viċi Sindku Andre Grech infurma lill-Kunsill fuq il-laqgħa li kellu mal-perit Testaferrata De Noto minn TM fuq it-traffic management il-ġdida li beħsiebu jagħmel il-Kunsill fil-lokalita.

6.8 Il-Viċi Sindku Andre Grech talab li l-pjanti li hemm fuq il-bankina fi triq B. Bontadini jitpoġġew taħt il-bankina. Ser issir inspection biex il-Kunsill jara x'jista' jsir.

6.9. Il-Viċi Sindku Andre Grech staqsa jekk twaħħlitx il-lampa ġdida fi Triq dun Gwann Hammet. Is- SE wieġeb li ser jerġa jibgħat reminder lill-kuntrattur tad-dawl.

6.10 Il-Kunsillier Daniel Muscat staqsa jekk irċevejnix ir-rapport tal-perit fuq il-bankina quddiem 83/84, Triq Il-Kbira. Is- Sindku wieġeb li hekk kif ikollna r-rapport, ser tittieħed azzjoni.

7. **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-26 ta' Mejju 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 17,188.38. L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

8. **Aġġornament tal-Laqgħa**

8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it- Tnejn, 20 ta' Ġunju 2016 fl-4.30pm

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data